# Manifattura ta’ ikel għall-annimali domestiċi

**Kontenut**

- Sfond
- Rekwiżiti ta’ approvazzjoni
- Binjiet li jimmaniġjaw jew jaħżnu ABP
- Is-sors ta’ materjal għall-użu fl-ikel għall-annimali domestiċi
- Processed Animal Protein (PAP)
- Ġbir u trasport ta’ materja prima biex tiġi inkluża fl-ikel għall-annimali domestiċi
- Rekwiżiti għall-manifattura ta’ ikel għall-annimali domestiċi
- Standards batterjoloġiċi u r-rekwiżiti għat-teħid ta’ kampjuni
- Ikel nej għall-annimali domestiċi
- Approvazzjoni għall-preparazzjoni ta’ ikel għall-annimali domestiċi fi djar privati

## Sfond

Il-leġislazzjoni relevanti tal-UE hija:

- Regolament **1069/2009** hawn imsemmi bħala r-“Regolament ta’ Kontroll”.
- Regolament ta’ implimentazzjoni **142/2011** hawn imsemmi bħala r-“Regolament ta’ Implimentazzjoni”.

Ir-Regolament ta’ Kontroll tal-UE u r-Regolament ta’ Implimentazzjoni jikkontrollaw il-manifattura ta’ ikel nej għall-annimali domestiċi, ikel ipproċessat għall-annimali domestiċi, inkluż ikel imnixxef għall-annimali domestiċi u ikel tal-bott għall-annimali domestiċi, prodotti ta’ mastikazzjoni u organi jew prodotti għad-diġestjoni b’togħmiet differenti minn prodotti sekondarji ġejjin mill-annimali. Ir-regolamenti jirristrinġu materjali li jistgħu jintużaw fl-ikel għall-annimali domestiċi u jeħtieġu li d-Dipartiment għas-Saħħa u l-Benesseri tal-Annimali (AHWD), bħala l-awtorità kompetenti, tapprova l-impjanti fejn jiġi manifatturat l-ikel għall-annimali domestiċi. Dan jinkludi binjiet li jimmanifatturaw ikel għall-annimali domestiċi fi djar privati li jużaw laħam li huwa tajjeb għall-konsum uman jew ta’ kategorija 3 ABP.

DAERA Veterinary Service Animal Health Group huwa responsabbli mill-monitoraġġ u l-ispezzjoni ta’ impjanti approvati għall-ikel tal-annimali domestiċi. Fejn ir-rekwiżiti ma jkunux qed jintlaħqu, l-approvazzjonijiet jistgħu jiġu sospiżi jew revokati (Regolament ta’ Kontroll UE artikolu 45 u 46).

Ir-Regolament ta’ Kontroll UE u r-Regolament ta’ Implimentazzjoni UE ġeneralment għandhom l-istess rekwiżiti bażiċi għall-manifattura ta’ ikel għall-annimali domestiċi bħar-regolamenti preċedenti **KE 1774/2002.**

## Rekwiżiti ta’ approvazzjoni

L-impjanti tal-ikel għall-annimali domestiċi għandhom:

- Joperaw skont Anness XIII tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-UE

- Ikollhom faċilitajiet adegwati għall-ħażna u t-trattament ta' materjal li jasal fl-impjant f'kundizzjonijiet li jipprevjenu l-introduzzjoni ta' riskji għas-saħħa tal-pubbliku u dik tal-annimali
- Jibagħtu ABP jew prodott mhux użat f'impjant addattat tal-ABP għar-rimi jekk meħtieġ li jsir hekk
- Ikollhom pjan HACCP fis-seħħ u jżommuh aġġornat meta jkun hemm bidla fl-operat. (Artikolu 29 tar-Regolament ta' Kontroll UE).

Biex wieħed ikun irreġistrat, għandu jagħmel kuntatt mad-Dipartiment għas-Saħħa u l-Benesseri tal-Annimali, Triq il-Biċċerija, Albertown Marsa fuq 22925372/76**,** jew jibgħat email fuq abpsection.mafa@gov.mt Tista' wkoll tikseb formola ta' applikazzjoni għan-negozju tiegħek billi tibgħat talba lill-istess indirizz elettroniku.Din il-formola għandha timtela u tintbagħat biex tippermetti li ssir spezzjoni ta' approvazzjoni. Għandhom jiġu sodisfatti l-kundizzjonijiet dettaljati u wieħed għandu jagħti sodisfazzjon lill-uffiċjal li jispezzjona s-sit li kapaċi jopera l-faċilità b'mod kompjaċenti mal-leġislazzjoni. Jekk sodisfatt, id-Direttorat għas-Servizi Veterinarij joħroġ dokument ta' approvazzjoni li jippermettilek topera.

Ladarba approvat inti tkun suġġett għal spezzjonijiet ta' rutina, liema frekwenza tkun ibbażata fuq ir-riskju tal-operazzjoni u kemm tkun kompjaċenti fit-tali operazzjoni. Preżentament m'hemmx ħlas għal dawn l-approvazzjonijiet jew spezzjonijiet ta' rutina.

**Binjiet li jimmaniġjaw jew jaħżnu ABP**

Binjiet li jimmaniġjaw jew jaħżnu l-materjali li jkunu ser jintbagħtu f'impjanti għall-manifattura ta' ikel għall-annimali domestiċi għandhom jiġu approvati. Għal aktar informazzjoni ara l-**gwida** tagħna b'rabta mar-rekwiżiti ta' reġistrazzjoni, trasport, immaniġjar u ħażna.

**Is-sors ta' materjal għall-użu fl-ikel għall-annimali domestiċi**

Ċertu prodotti sekondarji ta' Kategorija 3 li ġejjin mill-annimali (ABP) u prodotti derivati minn materjal ta' Kategorija 3 inkluż Proteina tal-Annimali Proċessata (PAP) u ċertu materjal importat ta' Kategorija 1 jistgħu jintużaw fl-ikel għall-annimali domestiċi.

Ir-Regolament ta' Kontroll tal-UE jitlob li l-operaturi jużaw sorsi siguri għall-prodotti tagħhom (Artikolu 37), jew jekk ma jsirx hekk, trattament sigur (Artikolu 38). Dan japplika għal operaturi ta' impjanti ta' ikel għall-annimali domestiċi (Artikolu 35).

Sors sigur ta' materjali jfisser l-użu ta' materjal li:

- ma jippreżentax riskji mhux aċċettabbli għas-saħħa pubblika u dik tal-annimali
- nġabar u ġie trasportat, jew inġieb mill-punt ta' importazzjoni, għall-impjant skont kundizzjonijiet li jeskludu riskji għas-saħħa pubblika u dik tal-annimali.

Operaturi għandhom iżommu d-dokumentazzjoni li tikkonferma li r-rekwiżiti ta' sors sigur ta' materjal intlaħqu.

Fejn ir-riskji ma jistgħux jiġu kkontrollati permezz ta' sors sigur ta' maerjal allura t-trattament għandu jirriduċi r-riskju għal livell aċċettabbli.

**Materjali għal ikel nej għall-annimali domestiċi**

Materjal biss li ġej minn biċċeriji, jew kaċċa maqtula għall-konsum uman, jistgħu jintużaw għall-manifattura ta' ikel nej għall-annimali domestiċi. (Regolament ta' Kontroll UE Artikolu 10 (a) u (b) (i) u (ii)). Materjal li:

- jkun ġie aċċettat bħala tajjeb għall-konsum uman iżda li mhux ser jintuża b'dan il-mod għal raġunijiet kummerċjali e.ż. kirxa mnaddfa
- jiġi minn annimali li jkunu għaddew minn spezzjoni ante-mortem iżda li tkun ġiet riġettata bħala mhux tajba għall-konsum uman, e.ż. fwied bil-parassiti. Għat-tali materjal biex jintuża ma jridx ikun hemm l-ebda sinjal ta' mard komunikabbli.

**Materjali għall-produzzjoni ta' ikel ieħor għall-annimali domestiċi** (Ikel tal-bott għall-annimali domestiċi, ikel ipproċessat għall-annimali domestiċi, prodotti tajbin għall-mastikazzjoni u bħala diġestivi)

Materja prima oħra tista' tintuża f'dawn il-prodotti, inkluż materjal mit-tbiċċir ta' annimali, bajd u produzzjoni tal-ħalib, ipproċessar tal-ħut, eċċ. fejn jew:

- l-annimali kienu meqjusa tajbin għall-konsum uman qabel it-tbiċċir, jew
- l-annimal ta' oriġini ma kienx qed juri sinjali ta' mard komunikabbli.

Inklużi hemm ukoll prodotti sekondarji mill-manifattura tal-ikel. Dawn huma mniżżlin fir-Regolament ta' Kontroll UE Artikolu 10 a) sa m) filwaqt li hemm inklużi dawn li ġejjin mal-lista ta' dawk li jistgħu jintużaw fil-manifattura ta' ikel nej għall-annimali domestiċi:

- materijal minn annimali li jkunu għaddew l-ispezzjoni għall-konsum uman qabel it-tbiċċir - hides, ġlud, qarn, saqajn, lanżit tal-ħanżir, rix u demm (sakemm dawn mhux ġejjin minn ruminanti li jeħtieġu ttestjar TSE, li fit-tali każijiet ikunu jistgħu jintużaw biss jekk jiġu ttestjati u jagħtu riżultat negattiv)
- materjal minn biċċerija f'razzet ta' fniek u tjur
- skart tat-tjur, bajd, prodotti sekondarji mill-bajd u flieles ta' ġurnata maqtula għal raġunijiet kummerċjali
- ħut u prodotti sekondarji minn impjanti tal-ipproċessar tal-ħut
- materjal mill-produzzjoni ta' ikel inkluż għadam sgrassanti
- prodotti ta' oriġini mill-annimali (POA) jew prodotti tal-ikel li fihom prodotti ta' oriġini mill-annimali mhux aktar maħsuba għall-konsum uman għal raġunijiet kummerċjali jew minħabba problemi ta' ppakkjar, eċċ
- PAP derivat mill-materjali t'hawn fuq
- ikel impurtat għall-annimali domestiċi
- ikel għall-annimali domestiċi u prodotti tal-ikel ta' oriġini mill-annimali, jew prodotti tal-ikel li fihom prodotti sekondarji ġejjin mill-annimali jew prodotti derivati, li mhux aktar maħsuba għall-ikel għal raġunijiet kummerċjali jew minħabba problemi fil-manifattura jew difetti fl-ippakkjar jew difetti oħra li minnhom ma jkun hemm l-ebda riskju għas-saħħa pubblika jew dik tal-annimali;
- demm, placenta, suf, rix, xagħar, qarn, partijiet mid-dwiefer u ħalib nej li joriġina minn annimali ħajja li ma wrew l-ebda sinjal ta' mard komunikabbli f'dak il-prodott għall-bniedem jew għall-annimali
- annimali akwatiċi, u partijiet mit-tali annimali, bl-eċċezzjoni ta' mammali tal-baħar, li ma wrew l-ebda sinjali ta' mard komunikabbli għall-bniedem jew għall-annimali

- prodotti sekondarji ġejjin mill-annimali akwatiċi li joriġinaw minn stabbilimenti jew impjanti tal-manifattura ta' prodotti għall-konsum uman.

Il-materjal li jsegwi li joriġina minn annimali li ma wrew l-ebda sinjali ta' mard komunikabbli f'dak il-prodott għall-bniedew jew għall-annimali:

- qxur minn frott tal-baħar b'tissue jew laħam artab
- prodotti sekondarji mit-tjur
- bajd u prodotti sekondarji mill-bajd
- flieles ta' ġurnata maqtula għal raġunijiet kummerċjali
- xi speċi akwatiċi u invertebri terrestri
- xi ġrieden u lagomorfi (fniek).

Dawn li jsegwu ma jistgħux jintużaw:

- hides, ġlud, dwiefer, rix, eċċ. minn annimali li ma kienux meqjusa bħala tajbin għall-konsum uman qabel it-tbiċċir (e.ż. hides minn biċċeriji)
- tissue ta' xaħam minn annimali li kienu meqjusa bħala tajbin għall-konsum uman meta spezzjonati qabel it-tbiċċir f'biċċerija
- skart tal-catering.

**Processed Animal Protein (PAP)**

L-użu ta' PAP huwa rregolat mir-regolamenti TSE li jeħtieġu dan li jsegwi:

- ikel għall-annimali domestiċi li juża l-PAP jew prodotti tad-demm li joriġinaw minn ruminant ma jistax jiġi manifatturat fi stabbilimenti li jagħmlu l-għalf għall-bhejjem
- ikel għall-annimali bil-massa li fih prodotti tad-demm li joriġinaw minn ruminant jew PAP għandu jinżamm f'faċilitajiet fiżikament separat minn għalf bil-massa għall-bhejjem waqt il-ħażna, it-trasport u l-ippakkjar.

**Ġbir u trasport ta' materja prima biex tiġi inkluża fl-ikel għall-annimali domestiċi**

Għandhom isiru skont il-kundizzjonijiet ġenerali deskritti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni UE.

Skont il-prinċipji ta' sorsi siguri ta' materjali, materjal għall-ikel għall-annimali domestiċi għandu jkun trasportat b'tali mod li jeskludi r-riskji għas-saħħa umana u dik tal-annimali, i.e. f'temperatura addattata u f'kundizzjonijiet addattati.

Materjal mhux proċessat li jmur għal impjanti ta' ikel għall-annimali domestiċi m'għandux ikollu temperatura kkontrollata jekk jiġi proċessat f'temp ta' 24 siegħa mill-ġbir jew kien diġà mkessaħ jew iffriżat u dawk it-temperaturi ta' ħażna jinżammu matul it-trasport.

**Rekwiżiti għall-manifattura ta' ikel għall-annimali domestiċi**

Ir-rekwiżiti huma mogħtija f'Anness XIII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-UE.

Ikel nej għall-annimali domestiċi għandu jkun:

- ippakkjat f'pakketti li ma jħallux materjal joħroġ minnhom

- protett mill-kontaminazzjoni waqt il-produzzjoni sal-mument tal-bejgħ
- ittikketat bħala “ikel għall-annimali domestiċi biss”.

Ikel tal-bott għall-annimali domestiċi għandu jkun suġġett għal trattament bis-sħana għal temperatura minima ta’ valur Fc ta’ 3.

**Ikel ipproċessat għall-annimali domestiċi (Mhux b’siġill ermetiku, prodotti mnixxfa)**

Jew l-ingredjenti ta’ oriġini mill-annimali għandhom ikunu suġġetti għal trattament bis-sħana ta’ minn tal-anqas 90°C jew il-prodott finali għandu jkun suġġett għal 90°C il-ħin kollu.

Meta jkunu prodotti skont ir-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-UE, dawn li ġejjin jistgħu jintużaw ukoll:

- ħalib u prodotti b’bażi ta’ ħalib
- ġelatina
- hydrolysed protein
- prodotti tal-bajd
- kollaġen
- prodotti tad-demm li huma jew tajbin għall-konsum uman iżda mhux maħsuba għall-konsum uman għal raġunijiet kummerċjali jew li ġejjin minn annimali riġettati għall-konsum uman qabel it-tbiċċir iżda li ma juru l-ebda sinjali ta’ mard komunikabbli għall-bniedem jew l-annimali
- PAP, inkluż materjal tal-ħut
- xaħam imdewweb, żjut tal-ħut
- dicalcium phosphate
- tricalcium phosphate
- intern b’togħmiet differenti/diġestivi.

It-tnixxif u l-fermentazzjoni jistgħu jintużaw ukoll biex jiġi prodott ikel proċessat għall-annimali domestiċi sakemm it-tali trattament jassigura li l-ikel għall-annimali domestiċi ma joffrix riskji mhux aċċettabbli għas-saħħa pubblika u dik tal-annimali.

Mezzi oħra ta’ proċessar jistgħu jintużaw ukoll meta invertebri mhux patoċeniċi, ġrieden jew lagomorfi (fniek) jintużaw fil-produzzjoni ta’ ikel għall-annimali domestiċi, għal darb’oħra sakemm it-trattament jassigura li l-ikel għall-annimali domestiċi ma joffrix riskji mhux aċċettabbli għas-saħħa pubblika u dik tal-annimali.

Barra minn hekk, l-ikel kollu pproċessat għall-annimali domestiċi għandu jkun:

- protett mill-kontaminazzjoni wara l-ipproċessar
- ippakkjat f’pakketti ġodda.

**Prodotti ta’ mastikazzjoni għall-klieb**

Għandhom ikunu:

- suġġetti għal trattament li huwa biżżejjed biex jeqred l-organiżmi patoġeniċi, inkluż is-salmonella. Kwalunkwe metodu li huwa approvat li huwa effettiv huwa permess.

- protetti mill-espożizzjoni għall-kontaminazzjoni wara dan it-trattament
- ippakkjati f'pakketti ġodda.

**Diġestivi/Intern b'togħmiet differenti**

Għandhom ikunu:

- trattati bis-sħana jew manifatturati minn materjali speċifiċi bħall-ikel proċessat għall-annimali domestiċi
- ippakjati f'pakketti sterili jew trasportati f'kontenituri bil-massa jew mezzi oħra ta' trasport li ġew imnaddfa u diżinfettata.

**Standards batterjoloġiċi u rekwiżiti għat-teħid ta' kampjuni**

Kampjuni fortuwiti għall-betterjoloġija għandhom jittieħdu minn ikel nej għall-annimali domestiċi, prodotti ta' mastikazzjoni għall-klieb, diġestivi u ikel ipproċessat għall-annimali domestiċi, bl-eċċezzjoni ta' ikel tal-bott għall-annimali domestiċi.

Il-kampjuni għandhom jittieħdu waqt il-produzzjoni u / jew il-ħażna sal-punt tad-dispaċċ.

Laħam jew l-intern minn kull speċi li tintuża fil-manifattura ta' prodott għandhom jiġu meqjusa bħala linja tal-prodott, e.ż. tiġieġ, ħaruf, ċanga, dundjan eċċ. Il-kirxa ta' kwalunkwe speċi hija linja tal-prodott separata.

Kampjun rappreżentattiv magħmul minn għaxar sotto-kampjuni separati ta' 30g għal total ta' kampjun ta' massa ta' 300-gram għandu jittieħed minn kull linja ta' prodott. Kampjun doppju għandu jinżamm mill-operatur.

Il-frekwenza tat-teħid tal-kampjun meħtieġ tiddependi minn numru ta' fatturi inkluż it-throughput tal-impjant; it-tul ta' ħin li l-impjant ikun ilu jopera u r-riżultati minn kampjuni preċedenti.

Il-kampjuni għandhom jinġabru b'mod iġjeniku għal ġo kontenituri sterili, li ma jħallux materjal joħroġ minnhom u sottomessi mill-aktar fis possibli skont l-istruzzjonijiet tal-laboratorju magħżul.

Il-laboratorju għandu jkun akkreditat għall-istandards internazzjonali ISO17025 sabiex ikun jista' jwettaq it-testijiet.

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-UE jsostni li ikel għall-annimali bi standards differenti għandhom jilħqu l-kriterji ta' Anness XIII Kapitolu II paragrafu 5 u 6 u Kapitolu III paragrafu 2. Il-kampjuni huma kkunsidrati sodisfaċenti jekk ma jeċċedux il-livelli mogħtija hawn isfel, fejn:

- n = in-numru ta' kampjuni li ser jiġu ttestjati
- m = it-threshold value għan-numru ta' batterja; ir-riżultat għandu jiġi kkunsidrat bħala sodisfaċenti jekk in-numru ta' batterja fil-kampjuni kollha ma jaqbiżx l-m
- M = il-valur massimu għan-numru ta' batterja; ir-riżultat għandu jitqies bħala mhux sodisfaċenti jekk in-numru ta' batterja f'kampjun wieħed ikun daqs jew aktar minn M
- c = in-numru ta' kampjuni li l-bacterial count tagħhom tkun bejn l-m u l-M, il-kampjun xorta waħda jitqies bħala aċċettabbli jekk il-bacterial count ta' kampjuni oħra jkun daqs jew inqas minn m.

**Ikel nej għall-annimali domestiċi**

- Salmonella: assenti f' 25 g, n = 5, c = 0, m = 0, M = 0
- Enterobacteriaceae: n = 5, c = 2, m = 10, M = 5000 in 1 g

Din tirrappreżenta żieda fil-livell aċċettabli ta' Enterobacteriaceae mir-regolamenti preċedenti u l-impjanti kollha huma mistenni li jagħmlu monitoraġġ tal-livelli.

**Ikel ipproċessat għall-annimali domestiċi, prodotti ta' mastikazzjoni għall-klieb u diġestivi**

- Salmonella: assenti f' 25 g, n = 5, c = 0, m = 0, M = 0.
- Enterobacteriaceae: n = 5, c = 2, m = 10, M = 300 in 1 g

Meta jinstabu riżultati mhux sodisfaċenti jew fl-ikel nej jew f'dak proċessat għall-annimali domestiċi, għandha tittieħed azzjoni mill-impjanti skont il-pjani HACCP tal-impjant u l-pjan għandu jiġi revedut biex ikun assigurat il-kontroll adegwat tal-perikli.

L-operaturi għandhom ikunu ċari li riżultati batterjoloġiċi mhux sodisfaċenti mhumiex xi ħaġa li jaffettwaw l-istat ta' approvazzjoni fihom infushom. Madanakollu, il-pjanijiet HACCP għandhom jistabbilixxu l-azzjonijiet li għandhom jittieħdu fil-każ ta' riżultati mhux sodisfaċenti. Dan jista' jinkludi investigazzjoni tal-kawża bil-possibiltà tat-teħid ta' aktar kampjuni biex ikun assigurat li l-ikel għall-annimali domestiċi prodott ma jikkawżax riskju mhux aċċettabbli għas-saħħa umana u dik tal-annimali.

**"End Point" għall-ikel ipproċessat għall-annimali domestiċi u prodotti ta' mastikazzjoni għall-klieb**

Ir-regolamenti jiddefinixxu l-end point għall-ABPs wara liema r-regolamenti ma japplikawx. Għall-ikel ipproċessat għall-annimali domestiċi u prodotti ta' mastikazzjoni għall-klieb prodotti fi ħdan l-UE dan huwa meqjus bħala wara l-ipproċessr u l-ippakkjar skont ir-regolamenti. Fil-każ ta' dawk prodotti barra l-UE huwa wara l-awtorizzazzjoni tal-Border inspection post (BIP).

Wara l-end point, l-ikel ipproċessat għall-annimali domestiċi u l-prodotti ta' mastikazzjoni għall-klieb, jistgħu jitpoġġew fis-suq mingħajr l-ebda restrizzjoni skont ir-regolamenti ABP.

Għal ikel nej tal-annimali domestiċi m'hemm l-ebda end point definit hekk kif m'hemmx passi ta' proċessar biex effettivament jitnaqqsu r-riskji għas-saħħa umana u dik tal-annimali. Ikel nej tal-annimali domestiċi jista' jitpoġġa fis-suq biss skont ir-regolamenti ABP fejn jiġi assigurat li m'hemmx riskji mhux aċċettabbli għas-saħħa tal-bniedem u dik tal-annimali. Dan isir billi jiġi assigurat li tinkiseb il-materja prima adegwata filwaqt li tiġi trasportata u trattata b'tali mod li ma jinħoloqux riskji mhux aċċettabbli, i.e. is-sors sigur ta' materjal hekk kif definit f'Artikolu 37 tar-Regolamenti ta' Kontroll tal-UE.

**Approvazzjoni għall-preparazzjoni ta' ikel għall-annimali domestiċi fi djar privati**

Taħt ċertu ċirkostanzi, jista' jkun possibli li jiġu approvati impjanti ta' ikel għall-annimali domestiċi fi djar privati, madanakollu:

- dawn ikunu suġġetti għall-kundizzjonijiet kollha applikabbli għal impjanti oħra ta' ikel għall-annimali domestiċi, inkluż ir-rekwiżit li jittieħdu kampjuni batterjoloġiċi u l-produzzjoni ta' pjan sħiħ HACCP.
- barra minn hekk, u importanti ferm, id-DAERA tkun tista' tapprova biss impjanti li jużaw prodotti sekondarji ġejjin mill-annmali ta' kategorija 3 fejn ikun possibli li wieħed juri li ssir separazzjoni stretta bejn il-prodotti sekondarji ġejjin mill-annimali u l-ikel għall-konsum uman. Din tista' tkun separazzjoni fiżika jew separazzjoni maż-żmien; fi kwalunkwe każ l-operazzjoni ma tistax toħloq riskju mhux aċċettabbli għas-saħħa tal-bniedem u dik tal-annimali.